# Sena ta' Ħidma



*Josef Borg*
**Segretarju Ġenerali**

Il-preparamenti għall-festa ta' Marija Bambina jinsabu fl-aqwa tagħhom. Dan ifisser li għaddiet sena oħra ta' ħidma impenjattiva mill-Għaqda Mużikali Imperial. Il-ħidma tal-każin illum hija mifruxa matul is-sena kollha iżda l-festa għandha l-qofol tal-attivitajiet kollha li jkunu organizzati.

Diversi programmi mużikali mill-banda u l-kor, kemm fil-Mellieħa u fi bliet u rħula madwar Malta, tagħlim mużikali għall-allievi u attivitajiet soċjali għall-membri kienu l-ħidma ewlenija tal-kumitati matul is-sena li għaddiet. Din is-sena ġiet organizzata Wirja ta' Arti u Artigjanat Mellieħi, fuq inizjattiva tal-Grupp taż-Żgħażagħ. Wirja li ħarġet fil-beraħ it-talenti varji li hawn fost il-poplu tal-Mellieħa. Ħaqqhom prosit iż-żgħażagħ għal din l-inizjattiva u grazzi wkoll lil dawk kollha li żaru din il-wirja li mid-donazzjonijiet tagħhom inġabret is-somma ta' €1060 b'risq id-Dar tal-Providenza.

Il-President ta' Malta Ġorġ Abela wkoll għamel żjara ġewwa l-każin il-Ħadd 27 ta' Frar 2011 waqt żjara uffiċjali ġewwa l-Mellieħa. Din kienet l-ewwel żjara uffiċjali tal-President ta' Malta mindu ħa l-ħatra tiegħu.

F'April ta' din is-sena l-Mellieħa kollha ferħet bl-aħbar li l-Arċisqof għoġbu jaħtar lir-Rev. Joe Caruana bħala kappillan tal-Parroċċa tal-Mellieħa. Il-poplu tal-Mellieħa feraħ bis-sħiħ b'din il-ħatra u xhieda ta' dan kienet il-festa li saret nhar il-Ħadd 5 ta' Ġunju meta ħa uffiċjalment il-pussess bħala kappillan.

Il-Banda Imperial ħadet sehem billi akkumpanjat lill-Kappillan, il-familjari tiegħu, flimkien man-nies preżenti b'daqq ta' marċi brijużi wara l-quddiesa mill-Knisja Parrokkjali sal-bitħa tas-Santwarju fejn saret bibita tal-okkażjoni. Dan l-avveniment kien imxandar ukoll *live* permezz tal-internet fuq is-sit elettroniku tal-każin www.imperialbandclub.com.

Ħafna emigranti Mellehin setgħu jingħaqdu magħna, isegwu dak li kien għaddej fil-Mellieħa u jifirħu magħna f'din il-festa. Kburin li għal darb'oħra konna ta' servizz għal ħafna emigranti Melleħin li jgħixu 'l bogħod minna. Lill-Kappillan il-ġdid nixtieqlu kull ġid u nwiegħdu l-għajnuna u l-appoġġ kollu f'isem l-Għaqda Mużikali Imperial.

Huwa xieraq ukoll li nirringrazzja lir-Rev. Karm Mercieca fi tmiem ħidma tiegħu bħala kappillan tal-Mellieħa. Nawguralu l-isbaħ affarijiet u nwegħdu li l-ħbiberija sinċiera ta' bejnietna ser tkompli tkun rispettata aktar fil-futur.

Huwa ta' sodisfazzjon għalina d-diriġenti tal-Għaqdiet Mużikali li t-tagħlim mużikali fil-każini tal-baned ser jibda jkun rikonoxxut bħala wieħed mill-ħiliet li student ikollu meta jispiċċa l-iskola sekondarja. It-tagħlim tal-mużika għandu jkun ta' għajnuna għall-istudent meta jidħol fid-dinja tax-xogħol jew ikompli l-istudji tiegħu. L-introduzzjoni tat-tagħlim mużikali fl-iskejjel tal-istat ukoll għandu jkun ta' għajnuna biex aktar studenti jitħarrġu f'din l-arti u mbagħad jagħtu s-servizz tagħhom fl-għaqdiet tal-mużika.

Nawgura li d-diskussjoni bejn l-Għaqda Każini tal-Banda u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni twassal għal ftehim u bażi soda biex it-tagħlim tal-mużika ġewwa pajjiżna jieħu spinta 'l quddiem għall-ġid ta' għaqdiet tal-mużika u l-kultura ġewwa pajjiżna.

F'din is-sena li hija ddedikata lill-volontarjat huwa dmir tiegħi li nirringrazzja lill-ħafna membri li jagħtu s-sehem tagħhom biex flimkien inkunu nistgħu nwettqu l-ħidma b'risq is-soċjetà tagħna. Il-ħidma volontarja hija l-aktar qawwa li jista' jkollha kull soċjetà. L-għaqdiet f'pajjiżna twaqqfu, kibru u mxew 'il quddiem frott il-ħidma volontarja ta' ħafna membri. Għandna nkunu kburin li aħna parti mill-Għaqda Mużikali Imperial u nagħtu s-sehem tagħna biex s-soċjetà tagħna u l-banda jkomplu jikbru u jissaħħu.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, festa li ġġib spirtu ta' ferħ u għaqda fost il-poplu tal-Mellieħa.